MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2011

Numru. 8/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Yvonne Farrugia )**

**Vs**

**JOSEPH ATTARD ta' 52 sena, bin George u Saveria nee' Debono, imwieled Vitoria, Ghawdex fis-7 ta' Lulju 1956, u li joqghod 7, Triq l-Universitas, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta ta'l-identita numru 39056G**

**U**

**JOSEPH GAUCI ta' 41 sena, bin Carmel u Catherine nee' Mercieca, imwieled il-Kercem, Ghawdex fit-22 ta' Awwissu 1967 u li joqghod 39, Triq l-10 ta' Frar, Munxar, Ghawdex, detentur tal-karta ta'l-identita' numru 20867G**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati Joseph Attard u Joseph Gauci akkuzati talli f'Settembru 2008 gewwa Ghawdex b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta' aktar minn mitejn, tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess dati, hin u lokalitajiet bhala ufficjali jew impjegati pubblici, iffalsifikaw cedola, polza jew ordni jew dokumenti ohra, illi meta jiguipprezentati wiehed jista' jircevi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficjal pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'att pubbliku tal-Gvern.

3. U aktar talli fl-istess dati, hin u lokalitajiet bhala ufficjali jew impjegati pubblici illi fl-ezercizzju ta' dmirijiet taghhom ghamlu falsifikazzjoni b'firem foloz, jew b'tibdil f'atti, fi skritturi, jew f'firem jew billi dahhlu isem ta' persuna mhux vera, jew b'kitba maghmula jew imnizzla f'registri jew pubblici ohra, wara li jkun ga iffurmati jew maghluqa.

4. U aktar talli fl-istess dati, hin u lokalitajiet bhala ufficjali jew impjegati pubblici, illi meta kitbu atti li jidhlu fid-dmirijiet tal-kariga taghhom biddlu bil-qerq is-sustanza jew ic-cirkostanzi taghhom, sew billi nizzlu pattijiet diversi minn dawk li jkun gew idettati jew maghmula mill-partijiet,

kemm billi iddikjaraw bhala vera fatti foloz, jew bhala fatti maghrufa dawk li ma jkunux.

5. U aktar talli fl-istess dati, hin u lokalitajiet bhala ufficjali jew impjegati pubblici illi minhabba l-kariga jew l-impieg taghhom hu fid-dmir li jaghmlu jew jaghtu dikjarazzjoni jew certifikati, ghamlu jew taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz.

6. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Rat n-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali tat-12 ta' Jannar 2010;

Semghet il-provi;

Semghet lill-imputati jammettu mit-tieni sas-sitt akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tathom zmien jirrikonsidraw l-istess;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi mill-verbal tas-seduta tas-17 ta' Marzu 2011 jirrizulta illi l-imputati qeghdin jammettu mit-tieni sas-sitt akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u cioe' l-akkuzi dwar il-falsifikazzjoni u l-uzu ta' dokumenti iffalsifikati liema akkuzi jinkwadraw ruhhom taht id-disposizzjonijiet tal-artikoli 167, 168, 179, 180, 185(1) u 189 indikati mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju tieghu. Jibqa' ghalhekk biex tigi kkunsidrata biss l-ewwel akkuza u cioe' l-akkuza dwar il-frodi u cioe' dik indikata fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju bhala l-ewwel imputazzjoni li dwarha tista' tinstab htija fil-konfront tal-imputati. Illi l-abbli difensur tal-imputati jikkontendi illi il-fattispecje ta' dana l-kaz ma jinkwadrawx ruhhom fl-elementi legali li jsawwru r-reat tal-frodi, u dana

billi hemm zewg elementi legali li jsawwru dana r-reat li huma nieqsa u cioe' l-hekk imsejjah *misc en scene*, kif ukoll l-element tad-dannu.

Illi l-fatti li wasslu sabiex ittiehdu passi kriminali fil-konfront tal-imputati kienu jikkoncernaw firem fuq attendance sheets u fuq xi dokumenti ohra tal-post tax-xoghol tal-imputati. Illi z-zewg imputati ilhom diversi snin jahdmu mad-Dipartiment tal-Agrikoltura f'Ghawdex. Huma addetti xoghol bhala engine drivers mal-incineratur li hemm fil-biccerija. Huma t-tnejn jahdmu bix-xift u dana peress illi l-incineratur irid jithaddem ghal erba u ghoxrin siegha dana sabiex jinghata servizz vitali ta' hruq ta' karkassi ta' annimali li jmutu fil-farms jew inkella sabiex jinharaq xi materjal iehor tal-annimali. Illi ghalhekk meta xi hadd mill-impjegati jkun irid jiehu l-leave irid jigi avzat id-direttur sabiex jiddahhal reliever minflok l-impjegat li jkun ser jassenti ruhu. Gara illi bejn il-11 u t-18 ta' Settembru 2008, l-imputat Joseph Attard kien imsiefer gewwa l-Ingilterra, izda mill-attendance sheet kien jidher illi f'dawn il-granet huwa irraporta ghax-xoghol peress illi kien hemm il-firma tieghu fuq l-istess, ghajr ghall-gurnata tat-18 ta' Settembru li kienet nieqsa. Inoltre apparti l-attendance sheet jirrizulta illi l-impjegati kellhom ukoll jiffirmaw dokumenti ohra fosthom id-*daily record of incinerator operation* u dokument iehor imsejjah *temperature control*. Fi tlett ijiem mill-gimgha in kwistjoni u cioe' fil-granet tat-12, l-14 u s-16 ta' Settembru il-firem tal-imputat Joseph Attard fuq dawn id-dokumenti kienu jidhru differenti minn xulxin.

Illi fl-istqarrija rilaxxajta minnu lill-pulizija, kif ukoll fix-xhieda moghtija minnu quddiem il-Qorti[1], l-imputat Joseph Attard jammetti li kien imsiefer u jammetti wkoll illi l-firem li jidhru fuq id-dokumenti kollha ghal dana l-perijodu ta' zmien ma kinux tieghu. Ighid illi huwa kien ftiehem mal-imputat l-iehor Joseph Gauci li kellu jiffirma ghalih u dana peress illi r-reliever mhux dejjem ikun disponibbli. Dana kollu huwa kkonfermat mill-imputat Joseph Gauci li

[1] Ara stqarrija ta'l-imputat Joseph Attard Dok IC1 a fol.19 u ix-xhieda tieghu a fol.89 u 90.

jikkonferma illi sabiex ighin lill-kollega tieghu, huwa ffirma d-dokumenti minfloku, kif ukoll dahal ghax-xoghol minfloku. Ighid illi ghalihom l-iktar haga importanti kienet illi fuq il-post tax-xoghol dejjem ikun hemm xi hadd prezenti. Peress illi fil-granet li ried isiefer Attard, ma kienx disponibbli reliever, Gauci ftiehem mieghu illi jidhol ghax-xoghol hu u jiffirma l-attendance sheet minfloku. Ighid illi dana kien arrangament li kien jezisti bejniethom, izda qatt ma infurmaw lis-superjuri taghhom dwar l-istess.[2] L-imputati t-tnejn isostnu illi mhux biss huma ma hadux flus indebitament minn ghand il-Gvern f'dan it-tip ta' arrangament li kien jezisti bejniethom, talli huma ghad ghandhom jiehdu ammonti ta' flus ghal xoghol extra li huma ghamlu u baqghu ma thallsux ghalih. Dana huwa ikkonfermat minn Joseph Portelli Direttur fid-Dipartiment tal-Progetti u Zvilupp.[3] Jidher ghalhekk illi l-ghan tal-imputati ma kienx illi jaghmlu xi qliegh ghad-detriment tal-Gvern, izda li jghinu lil xulxin sabiex f'sitwazzjoni fejn hemm nuqqas ta' staff huma jkunu jistghu jiehdu l-granet tal-leave taghhom meta jkollhom bzonn. Illi mill-istess xhieda ta' Joseph Portelli jirrizulta illi l-imputati jaghmlu xoghol extra ta' manutenzjoni u servicing tal-apparat kollu tant ghalhekk illi kif ighid Portelli stess "jiffrankaw lid-Dipartiment ammont sostanzjali ta' flus. … Li kieku ma jsirx dana x-xoghol mill-impjegati taghna allura jkollu jitqabbad kuntrattur barrani, kif diga' ghedt, bi spejjez konsiderevoli ghad-Dipartiment." Fil-fatt fix-xhieda ta' Portelli tas-26 ta' Novembru 2009 jirrizulta illi l-imputat Joseph Gauci hadem 420 siegha ta' sahra filwaqt li l-imputat Joseph Attard hadem 700 siegha ta' sahra ghal liema sighat huma ghadhom ma gewx ikkumpensati.[4]

## IL-LIGI

Biex jissussti r-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi jridu jikkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv

---

[2] Ara stqarrija ta'l-imputat Joseph Gauci Dok IC2 a fol.21 u ix-xhieda tieghu a fol.91
[3] Ara xhieda ta' Joseph Portelli a fol. 27 et.seq.
[4] Ara xhieda ta' Joseph Portelli a fol.73

tar-reat u cioe’ bejn min qieghed jikkommetti r-reat u l-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta’ dana r-reat u cioe’ l-uzu ta’ ingann jew raggieri li jwasslu lill-vittma sabiex isofri t-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura r-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta’ Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward tal-elementi ta’ dana r-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b’dan il-mod ghar-rigward ta’ dana ir-reat:

***“Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta’ serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f’dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Franciz … Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta’ truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta’ l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi …..”.*** Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta’ l-element materjali ta’ dan id-delitt ta’ truffa, huma dawn li gejjin.

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta’ dan id-delitt jista’ jkun kulhadd.

Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu tal-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min:

a. b’mezzi kontra l-ligi, jew
b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
c. ta’ kwalifiki foloz jew
d. billi jinqeda b’qerq iehor u
e. ingann jew
f. billi juri haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz
g. jew ta’ hila
h. setgha fuq haddiehor jew
i. ta’ krediti immaginarji jew
j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta’ haddiehor.

…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta’ truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta’ natura li jimpressjonaw bniedem ta’ prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta’ fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ….”

Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi ***“hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta’ l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza “Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi “quell’ articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e’ necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede.”***

Ghar-reati ta’ truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi ***“kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita’ specifika li sservi ta’ supstrat ghall-verosimiljanza tal-***

***falsita prospettata bhala vera u b’hekk bhala mezz ta’ qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta’ dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta’ apparat estern li jirrivesti bi kredibilita’ l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta’ verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene.”***

***“….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe’ kwantu jirrigwarda d-dolo ta’ dan ir-reat ta’ truffa, jinghad illi jrid***
***jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b’ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem “bi hsara ta’ haddiehor” ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta’ truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta’l-ingustizzja tal-profitt u b’dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.”***

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti tal-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.

Illi f’sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa ***“l’elemento del’danno patrimoniale”*** Biex imbaghad jissusti dana t-tip ta’ reat huwa necessarju illi jezistu “***I tre momenti di cui si compone il reato e’ cioe’ la produzione dell’artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell’ingiusto profitto per l’agente.” (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

Illi ghar-rigward ta’ dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f’sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : ***“L’agente … deve volere non solo la sua azione, ma anche l’inganno della vittima, come conseguenza dell’azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell’inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l’ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell’ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all’ingannato.”***

Ghar-rigward tat-telf patrimonjali jew dannu ekonomiku soffert mill-vittma tar-reat, wiehed jistaqsi, x’kien dana it-telf patrimonjali li sofra il-Gvern ta’ Malta? Illi f’sentenza moghtija mill-Cassazione Sez.Un.16.12.1998, il-Qorti sostniet f’dana ir-rigward: ***“Il reato di truffa costitusice un delitto istantaneo e di danno che si perfeziona nel momento in cui alla realizazzione della condotta tipica dell’autore abbia fatto seguito la diminutio patrimonii del soggetto passivo: mentre dunque, il requisito dell’ingiusto profitto puo comprendere in se qualisiasi utilita’ anche a carattere non strettamente economico, l’elemento del danno deve avere necessariamente contenuto patrimoniale e consistere in una lesione concreta tale da determinare la perdita effetiva del bene.”***

Ghaldaqstant, il-Qorti, fil-fattispecje ta’ dana l-kaz, ma tirravizax l-elementi rikjesti mill-ligi fl-artikolu 308 ghall-kummissjoni tar-reat tal-frodi. Kif diga inghad iktar ’il fuq ma kien hemm l-ebda arrikkiment da parti tal-imputati. Ghalhekk ma jistax jinghad illi huma kienu qed jiffrodaw lill-Gvern ta’ Malta permezz tal-agir taghhom. Fi kliem l-imputat Joseph Gauci stess “ghal dawn is-sighat ta’ xoghol li jiena hdimt minflok Joe Attard jiena ma thallast l-ebda kumpens extra, cioe’ jiena ma thallastx overtime.” Ghalhekk il-Gvern ma sofra l-ebda telf patrimonjali, anzi iggwadanja billi ma kellux ghalfejn idahhal persuna ohra

bhala reliever u jhallsu zejjed ghaliex dana x-xoghol ghamlu l-imputat l-iehor minghajr hlas. Billi ghalhekk dana l-element huwa kjarament nieqes il-Qorti f'dana l-kaz ma tistax tara kif l-imputati jistghu jinstabu hatja tar-reat tal-frodi.

Illi l-Qorti sejra tghaddi sabiex tara jekk tistax tinstab htija fir-rigward tar-reat minuri, tal-frodi innominat, kif previst fl-artikolu 309 tal-Kapitolu 9. Illi ghar-rigward ta' dana r-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifizji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghall-kummissjoni ta' dana r-reat, izda dana jrid bilfors iwassal sabiex il-vittma u cioe' s-suggett passiv ta' dana r-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Pulizija vs Carmela German (Apelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): ***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonoqs milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

Illi f'dana l-kaz il-gidba trid twassal necessarjament sabiex il-vittma, li f'dana l-kaz jidher illi huwa l-Gvern ta' Malta jigi ingannat, bil-konsegwenza wkoll f'dana l-kaz illi huwa sofra xi telf patrimonjali, liema telf iwassal ghall-arrikkiment favur l-imputati. Illi fil-kaz in dizamina, kif gie ampjament issotolinjat iktar 'il fuq, dana t-telf irid ikun telf materjali jew ekonomiku. Dana ma jistax ikun xi telf virtwali, izda id-*diminutio patrimonii* irid jissarraf fi flus. Illi ma jirrizultax illi l-Gvern ta' Malta sofra xi telf patrimonjali u lanqas ingiebet xi prova f'dana r-rigward. Altrocche'. L-imputati bl-azzjonijiet taghhom ghamlu tali illi l-Gvern ma sofra l-ebda nuqqas minhabba fl-assenza ta' xi wiehed minnhom minn fuq il-post tax-xoghol. Ma jistax jinghad illi l-Gvern kellu jhallas xi pagi zejda, anzi jidher illi l-imputati ghandhom jiehdu minghand il-Gvern ghal sighat zejda ta'

xoghol illi huma hadmu u baqghu ma thallsux ghalihom. Illi mill-provi akkwizti jirrizulta illi fil-fatt huma l-imputati li sofrew telf patrimonjali u mhux il-Gvern li anzi bl-agir tal-imputati wasal sabiex ma sofra l-ebda telf. Illi ghalhekk lanqas taht dana d-dispost tal-ligi, il-Qorti ma tista' ssib htija.

Illi fir-rigward tat-tieni sas-sitt akkuzi u cioe' l-akkuzi dwar il-falsifikazzjoni u l-uzu tad-dokumenti foloz, kif diga nghad iktar 'il fuq dawn gew ammessi mill-imputati ghalkemm jidher illi whud minn dawn l-akkuzi nghataw bhala akkuzi alternattivi ghal ohrajn. Illi mill-fattispecje ta' dana l-kaz jirrizulta illi tista' tinstab htija fil-konfront tal-imputati ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 179 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana peress illi d-disposizzjonijiet l-ohra tal-ligi iccitati mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju jindikaw cirkostanzi fejn dokument jigi iffalsifikat fis-sustanza tieghu u falsifikazzjoni ohra fejn l-ghan ikun li wiehed jikseb xi forma ta' vantagg ekonomiku. Illi ma hemmx dubbju illi dina l-falsifikazzjoni saret mill-imputat Joseph Gauci filwaqt illi l-imputat Joseph Attard kien komplici fl-istess.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta, il-Qorti ma tistax tinjora c-cirkostanzi kollha li fihom sehh dana l-kaz. Illi ma hemmx dubbju illi l-agir tal-imputati ma kienx wiehed legali u ghalhekk fil-fatt ser jinstabu hatja dwar reati ta' falsifikazzjoni u komplicita fl-istess. Madanakollu l-imputati ma kellhom l-ebda intenzjoni illi jingannaw jew jaghmlu xi hsara. Huma kellhom arrangament bejniethom illi jaghtu *support* lil xulxin f'ambjent fejn ix-xoghol irid jibqa' ghaddej ghal erba u ghoxrin siegha minghajr ma jieqaf. Huma ghalhekk ghamlu dana l-ftehim fejn meta xi hadd minnhom ikun irid jillarga mix-xoghol, kellu jidhol l-iehor minfloku u jiffirma hu ghal siehbu. Il-Qorti ghalhekk fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi partikolari ser tghaddi biex tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputati. Illi fid-dawl ta' dana l-fatt u billi ghalhekk l-imputati ma humiex ser jigu moghtija piena ghar-reati kommessi minnhom, il-Qorti

m'hijiex ser tghaddi biex tapplika s-sanzjoni prevista fl-artikolu 190 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta[5].

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 42(d) u 179 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputati mill-ewwel akkuza migjuba fil-konfront taghhom, u filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni, ir-raba, il-hames u is-sitt akkuzi peress illi dawn inghataw bhala kapi alternattivi, issib lill-imputati hatja tat-tielet akkuza, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tillibera lill-imputati bil-kundizzjoni li ma jikkomettux reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkomettu reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[5] Ara sentenzi Pulizija vs May Caruana (10.02.1951), Pulizija vs Isabella Blanc (28.04.1936), Pulizija vs J.Bugelli (01.08.1960), Pulizija vs R. Vella (16.07.1966)